GOZO
ASSOCIATION FOR THE DEAF
VO/0330

Triq Santa Dminka,
Rabat Għawdex, VCT 9037
Telefon: 21560313
Mowbajl: 79998225
Email: info@gozodeaf.com
Websajt: www.gozodeaf.com
Facebook: Gozo Association for the Deaf

# Newsletter

4 ta' Frar, 2020 1/2020

## F'DIN IL-ĦARĠA

- Laqgħa Annwali Ġenerali
- Is-Servizz tan-Notetaking
- Ħinijiet tal-Ftuħ – Skeda tax-Xitwa

## *Laqgħa Annwali Ġenerali (AGM)*

**Data: Is-Sibt, 29 ta' Frar, 2020**
**Ħin: 5.30 pm**
**Post: Iċ-Ċentru tal-G.A.D.**

**AĠENDA**

- **Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar Laqgħa Annwali Ġenerali**
- **Affarijiet li jinqalgħu mill-minuti**
- **Qari u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv**
- **Qari u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju**
- **Emendi, mozzjonijiet, riżoluzzjonijiet u suġġerimenti**
- **Xoljiment tal-Kumitat**
- **Elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid**
- **Għeluq**
- **Bibita**




Min jixtieq jagħmel xi emenda fl-istatut jew jagħti xi suġġeriment irid jibgħathom

bil-miktub fl-indirizz taċ-Ċentru sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020.

Din id-darba jmiss neleġġu Kumitat ġdid. Għalhekk ħriġna formoli biex jiġu nnominati l-kandidati għal dan il-Kumitat. Min hu interessat hu mħeġġeġ li jżur iċ-Ċentru tal-G.A.D. waqt il-ħinijiet tal-ftuħ sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa, 14 ta' Frar, 2020 sabiex jiġbor il-formola tan-nominazzjoni.

## Is-Servizz tan-Notetaking

Bħalissa l-G.A.D. qed taħdem fuq proġett bil-għan li jitwaqqaf is-servizz tan-notetaking fis-sistema edukattiva. L-istudenti neqsin mis-smigħ isibuha ferm diffiċli biex isegwu l-lezzjoni u dak li jkun qed jingħad fil-klassi u fl-istess ħin iniżżlu n-noti biex ikunu jistgħu jirrevedu d-dar. Il-maġġoranza tal-istudenti neqsin mis-smigħ jiddependu mill-qari tax-xofftejn u oħrajn jiddependu mil-lingwa tas-sinjali. Minħabba f'hekk huwa impossibbli li huma jħarsu lejn il-kelliem jew lejn l-interpretu u fl-istess ħin jiktbu n-noti. Dan kollu jindika li s-servizz ta' notetaker huwa indispensabbli għal studenti neqsin mis-smigħ. Permezz ta' servizz bħal dan, studenti b'nuqqas ta' smigħ ikunu jistgħu jiffukaw iktar fuq il-lezzjoni filwaqt li n-noti biex issir reviżjoni d-dar tipprovdihom in-notetaker.




## Ħinijiet tal-Ftuħ – Skeda tax-Xitwa

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn:** | **10 am - 12 pm** |
| | **4 pm - 5 pm** |
| **L-Erbgħa:** | **10 am - 12 pm** |
| | **4 pm - 5 pm** |
| **Il-Ġimgħa:** | **3 pm - 5 pm** |



Għal appuntament mal-awdjoloġista, ċemplu jew ibagħtu sms lill-G.A.D. waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.